# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 19 TA' FRAR, 1996
AVVIZ NUMRU 36/96 J.R.

Agius Anthony

vs

Meli Bastjan

It-Tribunal wara li ha konjizzjoni tal-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil- 1 ta' Frar, 1996 fejn intalab:

il-hlas ta' Mitt Lira Maltija (Lm100) ghall-tiswija ta' bieb u logg, kif ukoll il-fatt li ghalkemm ma gietx prezentata risposta formalment, il-konvenut deher u ikkontesta l-ammont bhala ezagerat.

Wara li semgha x-xhieda tal-attur u tal-konvenut;

u wara li ha konjizzjoni tad-dokument ezebiti;

kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li:

Mil-kumpless tal-provi jirrizulta li l-attur kien ezegwixxa xogholijiet fuq bieb tal-aluminium tal-konvenut. Meta tlestew ix-xogholijiet l-attur talbu Mitejn u Sittin Lira Maltija (Lm260) ghax xoghol fuq il-bieb, u dana skond kif jghid hu peress li kellu spejjez ta' "spares" konsiderevoli. Huwa kkalkula x-xoghol tieghu bir-rata ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25) kuljum.

L-ammont pretiz mill-attur jidher li fil-fatt huwa ezagerat, u dana it-Tribunal hu tal-fehma li stante li hemm cheque ta' Mija u Hamsa u Sebghin Lira Maltija (Lm175) li gja gie moghti lil-attur, ikun gust u ekwu li l-ammont bilancjali ma jkunx ta' Mitt Lira Maltija (Lm100), izda ta' Hamsin Lira Maltija.

Ghal dawn il-motivi jiddeciedi illi;

jilqa' t-talba attrici fis-somma ta' Hamsin Lira Maltija u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma imsemmija ta' Hamsin Lira Maltija.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Dr Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika

Dep. Reg.